**137. Il-Prim Ministru, l-Onor. Dom Mintoff, jipproponi din ir-Riżoluzzjoni:**

## GĦOTI TA' UŻU LIL HARRY STANGER (MALTA) LIMITED TAL-ISKOLA TA' VITTORIOSA

Billi, il-Gvern tar-Repubblika ta' Malta daħal fi ftehim mal-Kumpanija Harry Stanger (Malta) Limited biex titwaqqaf skola internazzjonali għal studenti barranin u Maltin, u għal dan il-għan bi ħsiebu jagħti l-istess Harry Stanger (Malta) Ltd l-użu tal-iskola ta' Vittoriosa bħala parti mill-ftehim li abbozz tiegħu tqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra;

U billi huwa maħsub li l-istess skola u artijiet li jmissu magħha jingħataw għaż-żmien, għall-iskop u skond il-pattijiet u kondizzjonijiet imsemmija fl-istess abbozz;

U billi huwa maħsub fil-paragrafu (ċ) tas-subartikolu (1) tal-artikolu 3 tal-Att tal-1976 dwar it-Trasferiment ta' Artijiet tal-Gvern li art li tkun proprjeta' tal-Gvern jew amministrata minnu tista' tiġi trasferita "skond riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati li tkun fis-seħħ fil-ħin tat-trasferiment";

U billi huwa xieraq li t-Trasferiment tal-iskola u artijiet fuq imsemmija jsir skond riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati;

Għalhekk huwa b'dan riżolut li l-iskola ta' Vittoriosa u l-artijiet imsemmija jistgħu jiġi mogħtija lill-imsemmija kumpanija Harry Stanger (Malta) Ltd. Għaż-żmien, għall-iskop il-pattijiet u kondizzjonijiet imsemmija fl-abbozz li jinsab imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra.

14.07.1978